# Kunċert Korali mill-Kor Imperial





Nhar il-Ġimgħa 20 ta' Lulju 2007 l-Għaqda Mużikali Imperial tellgħet kunċert korali u strumentali flimkien ma' mużiċisti mill-Banda Imperial. Din kienet it-tielet sena konsekuttiva li ttella' dan il-kunċert. Din is-sena l-kunċert ittella' bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa taħt il-ftehim kulturali bejn il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa u t-tliet Għaqdiet Mużikali Melleħin.

F'dan il-kunċert li ttella' fil-Bitħa tas-Santwarju, il-Kor Imperial taħt id-direzzjoni tas-Sinjura Shirley Helleur esegwa xogħlijiet ta' mużika popoloari, mużika lokali, mużika minn *musicals*, mużika minn films u silta reliġjuża ddedikata lil Sidtna Marija.

Fil-parti strumentali ħadu sehem żewġ mużiċisti mill-Banda Imperial – Charles Vella fuq il-Klarinett u Daniel Quattromani fuq is-saxafun alto. Charles Vella akkumpanjat minn Shirley Helleur fuq il-pjanu interpreta *Adagio for Clarinet* kompożizzjoni ta' Freddie Mizzi u t-tielet u r-raba' moviment minn *Divertimento for Bflat Clarinet and Piano* ta' Joseph Nazzareno Sammut. Daniel Quattromani fuq l-Alto sax interpreta żewġ siltiet popolari – *Take Five* ta' Paul Desmond u *Mood Indigo* ta' Duke Elington. Il-programm ġie ppreżentat mis-Sinjorina Marilyn Grima.

Preżenti għal dan il-programm kien hemm is-Sindku John F. Buttigieg u s-Sinjura Buttigieg, Kunsilliera, il-Wisq Rev. Kappillan Dun Karm Mercieca, ir-Rev. Dun Mosè Debono flimkien ma' udjenza numeruża.

